# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgħa, 24 ta' Jannar, 2024

**Kawża Nru. 15**

**Rik. Nru. 90/2021 ISB**

**Simon Grixti** [K.I. nru. 452770M] kif debitament awtorizzat bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza ta' **Oded Lotan** [Passaport Iżraelit numru 8776207]

Vs

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Simon Grixti noe.**, intavolat fid-29 ta' Ottubru 2021, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jerġa jqiegħed l-isem tas-soċjetà Anna Lotan Limited (C49896) fir-reġistru tal-kumpanniji, b'dana illi l-istess soċjetà titqies li*

*kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-reġistru;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Kumpanniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjoniijet kollha meħtieġa ai termini tal-liġi relattivi għal tali inserzjoni fir-reġistru tal-kumpanniji;*

3. *Jekk ikun neċessarju, tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni sabiex is-soċjetà Anna Lotan Limied (C49896), u l-persuni kollha interessati jitqegħdu lura fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun viċin daqslikieku l-isem tas-soċjetà ma jkunx tħassar minn fuq ir-reġistru.*

U dan wara li ppremettew:

1. *L-esponenti Oded Lotan kien jokkupa l-posizzjoni ta' Azzjonista fi ħdan is-soċjetà Anna Lotan Limited (C49896)* ***(Dok. 'A')****, liema kumpannija ġiet inkorporata u reġistrata fir-reġistru tal-kumpanniji nhar is-27 ta' Lulju, 2010* ***(Dok. 'B')****;*

2. *Fit-23 ta' Ġunju tal-2021, isem il-kumpannija tneħħa mir-reġistru tal-kumpanniji, u dan minkejja li l-kumpannija kienet għadha attiva fin-negozju, u minkejja li r-rikorrenti u membri oħra tal-kumpannija għamlu diversi tentattivi sabiex isem il-kumpannija ma jitneħħiex mit-tali reġistru;*

3. *Ir-rikorrenti u membri oħra ta' Anna Lotan Ltd għamlu wkoll diversi tentattivi sabiex jikkomunikaw mar-Reġistratur tal-Kumpanniji u jsolvu din il-kwistjoni. Madanakollu, dawn it-tentattivi kienu kollha għalxejn;*

4. *Ir-rikorrenti Oded Lotan bħala Azzjonista tal-kumpannija Anna Lotan Limited (C49896) iħossu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpannija tħassar minn fuq ir-Reġistru. B'hekk, ir-rikorrenti jħoss illi huwa xieraq li l-isem tal-kumpannija jerġa jidħol fir-reġistru, u dan għaliex jezistu raġunijiet bizejjed għal dan il-għan;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors promotur (fol 6 sa fol 5);

Rat **<u>id-digriet</u>** tagħha tal-15 ta' Novembru 2021, minn fejn jirrizulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-14 ta' Frar 2022 fl-10:15 a.m.

Rat in-nota tar-rikorrenti intavolata fil-5 ta' Jannar 2022 (fol 9) li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess.

Rat illi fit-8 ta' Frar 2022, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **<u>r-risposta</u>** tiegħu (fol 50) bid-dokument hemmhekk anness, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpannija Anna Lotan Ltd (C 49896) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fid-27 ta' Lulju 2010;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat prospetti annwali u kontijiet annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-istess Att. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali mibgħut lir-Reġistratur kien dak tas-sena 2020, u l-aħħar kont annwali mibgħut kien dak tas-sena 2019;*

*Illi di piu' l-kumpanija naqset ukoll mill-obbligi tagħha mposti mill-Avviż Legali 247 tal-2020 u għaldaqstant baqgħet qatt ma daħħlet l-informazzjoni meħtieġa mar-Reġistratur tal-Kumpaniji dwar is-sidien benefiċċjarji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċeda sabiex kiteb lill-kumpanija u lill-uffiċjali tagħha Liora Chitron u Oded Lotan sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi l-ewwel ittra ntbagħtet lill-kumpanija fl-indirizz 39, Triq il-Fuxa, San Ġwann SGN 1306, Malta kif ukoll lid-diretturi tagħha fl-indirizzi, 13, Hamigdal Str., Caesarea 38900, Iżrael u 53, King David Av., Tel Aviv 64237, Iżrael, datati 8 ta' Frar 2021.*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont ir-Regolament 9 tal-Avviż Legali 247 tal-2020, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u l-avviż fi zmien tliet xhur, ir-Reġistratur kien se jkompli bil-proċess ta' tħassir tal-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit-23 ta' Marzu 2021, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi, Madankollu fit-terminu preskritt mil-liġi, la l-kumpanija, la d-diretturi tagħha u lanqas terzi persuni ma nfurmaw lir-Reġistratur illi kellhom xi nteress illi l-isem tal-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru. Għalhekk l-esponent mexa sabiex iħassar l-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru b'effett mit-23 ta' Ġunju 2021;*

*Illi kif jidher ċar mil-fatti suesposti, ir-rikorrent kellu biżżejjed żmien kemm qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-avviżi msemmija, biex jinforma l-esponenti dwar l-interess illi kellu sabiex l-isem ta' din il-kumpanija jibqa' fuq ir-Reġistru, iżda dan baqa inadempjenti;*

*Illi għalkemm ir-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi, ir- Reġistratur tixtieq tiġi mogħtija raġuni valida dwar it-talba mogħtija mir-rikorrenti li tali kumpanija għandha terġa' titpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji;*

*Illi jidher biċ-ċar illi r-rikorrent qatt ma kellu interess li jimxi b'konformita' mal-liġi dwar il-kumpaniji u nfatti naqas milli jirreġistra dokumenti mandatorji mar-Reġistratur minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lilu, li wassal għat-tħassir tal-isem tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-rikorrent injora ukoll il-multi illi jfakkru f'tali nuqqas u qatt ma affettwa il-pagamenti tal-multi. Illi il-pagamenti pendenti fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal **EUR 100**, filwaqt li l-penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' dawn il-prospetti kif ukoll tal-informazzjoni dwar is-sidien benefiċċjarji u tal-kontijiet annwali jammontaw għal **EUR 7,393**;*

*Illi l-kumpanija ma tistax tiġi riattivata skont l-artikolu 325 (4) tal-Att dwar il-Kumpaniji kif speċifikat fir-rikors odjern imma skont ir-Regolament 9 (4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations għaliex taħt dan ir-regolament ġie mħassar l-isem ta' tali kumpanija;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż informazzjoni fuq is-sidien benefiċċjarji, il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tagħha sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni tiġi rettifikata.*

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż.*

Rat illi fl-ewwel udjenza tal-14 ta' Frar 2022, ir-rikorrent noe stess iddikjara illi huwa kien dispost illi jirregolarizza l-pożizzjoni tal-kumpanija Anna Lotan Limited.

Rat in-nota konġunta tal-partijiet tat-12 ta' Novembru 2023 (fol 78) minn fejn jirriżulta illi saret id-dikjarazzjoni illi l-pendenzi kollha illi kellha s-

soċjetà Anna Lotan Limited kienu ġew regolarizzati u minn fejn jirriżulta illi l-partijiet kienu qablu illi l-kawża setgħet titħalla għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrenti Simon Grixti noe., li f'dawn il-proċeduri rrappreżenta lil Oded Lotan, azzjonista tas-soċjetà **Anna Lotan Limited (C 49896)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-23 ta' Ġunju 2021, u qed titlob illi l-kumpanija terga' tiġi ri-integrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrenti noe għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li għandhom interess li l-kumpanija tibqa' operattiva għax fil-fatt għadha topera n-negozju tagħha.

Illi r-rikorrent noe ddikjara mill-bidu illi huwa kien lest li jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex tiġi regolarizzata l-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjoni.

Fl-affidavit tiegħu **Simon Grixti** jispjega l-involviment tiegħu bħala *accountant* u jgħid illi l-kumpanija għandha proprjetà immobbli (plot) il-Ħandaq, Ħal Qormi ta' ċirka 300mk li hija xtrat madwar 7 snin ilu. Jgħid illi kien hemm problemi bil-permess. Jispjega illi kien hemm malintiz mal-MBR dwar ir-reġistrazzjoni tal-BO3 Form ta' Oded Lotan.

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur u kienu anke akkumulaw xi penali u multi.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex jikkanċella l-kumpanija u għadda mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u kienu akkumulaw *registration fees* u penali kif indikat fir-risposta.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-*

> *membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Anna Lotan Limited (C 49896) ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li rriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent noe illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrent żamm kelmtu u l-promessa magħmula mill-istess rikorrent inżammet, tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq ikkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għandha, filwaqt

illi tastjeni milli tipponunzja ruħha fil-konfront tas-soċjetà kummerċjali rikorrenti, tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent noe u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tar-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations[1], fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Anna Lotan Limited (C 49896)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Anna Lotan Limited (C 49896)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Anna Lotan Limited (C 49896)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**

[1] B'digriet tad-9 ta' Frar 2024 il-kliem "tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta" ġie sostitwit bil-kliem "tar-Regolament 9(4) tal-Companies Act (Register of Beneficial Owners) Regulations".